# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## IMHALLEF

## ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Illum, 26 ta' Lulju, 2002**

**Appell Nru 144/2002**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Mahmud Abudumehdn Tarek**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tal-Kummissarju tal-Pulizija tal-20 ta' Awissu, 2001 li permezz tieghu talab lill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex tipprocedi fil-konfront ta' Mahmud Abudumehdn Tarek fit-termini tal-Artikolu 28D(1)(2) tal-Kodici Kriminali;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-4 ta' Gunju, 2002 li permezz taghha dik il-qorti ordnat li s-sentenza ta' prigunerija sospiza minnha moghtija fil-5 ta' April, 2000 – sentenza ta' tmintax-il xahar prigunerija sospizi ghal tlett snin – tibda ssehh;

Rat it-talba ghas-sospensjoni ta' l-ezekuzzjoni tas-sentenza maghmula u debitament akkordata fl-istess gurnata, u cioe` fl-4 ta' Gunju, 2002;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Mahmud Abudumehdn Tarek, minnu ppresentat fil-11 ta' Gunju, 2002, li permezz tieghu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-23 ta' Lulju, 2002; ikkunsidrat:

Biex wiehed jifhem ezattament fuqhiex inhi din il-kawza, din il-Qorti ser tirrikapitola brevement il-fatti:

Permezz ta' sentenza datata **5 ta' April, 2000** il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kienet sabet lil Mahmud Abudumehdn Tarek hati ta' diversi reati (ewlenija fosthom dik ta' offiza gravi fuq il-persuna)

u kkundannatu **tmintax-il xahar prigunerija**[1] **sospizi ghall-tlett snin**. Fit-30 ta' Mejju, 2001 l-istess Tarek rega' terssaq quddiem il-Qorti Inferjuri akkuzat talli **fit-28 ta' Mejju, 2001 u fil-granet ta' qabel din id-data** (i) kellu fil-pussess tieghu ir-raza tal-*cannabis* liema pussess kien taht tali cirkustanzi li juru li ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu, (ii) attakka u ghamel resistenza lil ufficjali tal-pulizija, u (iii) gie imputat ukoll li kkommetta dawn ir-reati waqt il-periodu operattiv ta' sentenza sospiza (dik tal-5 ta' April, 2000). Dwar dawn l-imputazzjonijiet (tat-30 ta' Mejju, 2001) il-Qorti tal-Magistrati tat sentenza fil-**21 ta' Gunju, 2001** li permezz taghha sabet lill-imsemmi Tarek hati skond l-ewwel u skond it-tieni imputazzjonijiet, izda illiberatu mit-tielet imputazzjoni, ikkundannatu tmintax-il xahar prigunerija (bit-tnaqqis ta' l-arrest preventiv), multa ta' tlett mitt lira, u ddikjaratu immigrant ipprojbit u ordnat it-tnehhija tieghu minn dawn il-Gzejjer wara li jkun skonta l-piena karcerarja. Ghandu jinghad li l-qorti lliberatu minn din it-tielet imputazzjoni ghax irriteniet li "ma ingabux provi adegwati relattivament ghall-identita`" tal-persuna li kienet giet effettivament ikkundannata permezz tas-sentenza tal-5 ta' April, 2000. Fl-**20 ta' Awissu, 2001** gie ppresentat ir-rikors aktar 'l fuq imsemmi tal-Kummissarju tal-Pulizija, li permezz tieghu il-Qorti Inferjuri regghet in effetti giet mitluba sabiex titratta ma' Tarek talli, permezz tar-reati minnu kommessi fit-28 ta' Mejju, 2001 u fil-granet ta' qabel din id-data, huwa gie li kommetta reati li ghalihom hemm il-piena ta' prigunerija fil-periodu operattiv ta' sentenza sospiza. Il-Pulizija invokat f'dan ir-rigward l-Artikolu 28D tal-Kodici Kriminali.

L-appellant – li d-dritt ta' appell tieghu f'dan il-kaz jitnissel minn dak li jipprovdi l-Artikolu 28I tal-Kodici Kriminali – jikkontendi, bazikament, li galadarba huwa kien diga gie imputat bil-fatt li kkometta reat (ta' pussess tar-raza tal-*cannabis* u ta' attakk u resistenza) fil-periodu operattiv tas-sentenza sospiza moghtija fil-5 ta' April, 2000 u gie lliberat minn din l-imputazzjoni, huwa ma jistax jerga' jigi processat dwar dana l-fatt billi l-prosekuzzjoni tinvoka l-Artikolu 28D tal-Kodici Kriminali. L-appellant jinvoka kemm il-principju tan-*ne bis in idem* kif ukoll l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni. L-intimat Avukat Generali minn-naha tieghu jikkontendi fis-sustanza li l-imputazzjoni tal-kommissjoni ta' reat (li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija) fil-periodu operattiv ta' sentenza sospiza ma jipotozzax "reat" izda huwa semplici stat ta' fatt li, una volta konstatat, jaghti lok ghall-applikazzjoni tal-Artikolu 28B tal-Kodici Kriminali u li ghalhekk ma hux il-kaz tal-applikazzjoni tar-regola tan-*ne bis in idem.*

Il-Qorti taghmel is-segwenti osservazzjonijiet:

1. Din il-Qorti tista' tifhem ghala l-qorti li tat is-sentenza tal-21 ta' Gunju, 2001 waslet ghall-konkluzzjoni li ma saritx il-prova "adegwata" dwar l-identita`. Kif jirrisulta mill-kopja tal-process li tinsab ezibita a fol. 128 ta' l-atti ta' din il-kawza, dik il-qorti kellha quddiema kopja ta' sentenza (tal-5 ta' April, 2000) li kienet tindika d-

[1] F'dik is-sentenza, minflok il-kelma "prigunerija" intuzat il-kelma "habs", pero` hu evidenti li dan hu semplici *lapsus calami*.

data tat-twelid ta' Tarek bhala l-4 ta' Dicembru, 1975, mentri kemm fir-rapport tal-presentata, kif ukoll fiz-zewg stqarrijiet[2] tal-imsemmi Tarek li gew presentati fil-qorti, id-data tat-twelid tieghu hija indikata bhala l-25 ta' Dicembru, 1975. Fin-nuqqas ta' xi xhud li seta' jghid li l-persuna li kienet qed tigi imputata bil-pusses tar-raza u bl-attakk u resistenza kienet fil-fatt l-istess persuna li fil-konfront taghha kienet inghatat is-sentenza tal-5 ta' April, 2000, dik il-qorti kienet pjenament gustifikata li tikkonkludi li ma kienitx saret prova adegwata ta' l-identita`.

2. Dak li ma kienitx gustifikata taghmel dik il-qorti kien li "tillibera" lill-imputat mit-tielet imputazzjoni. Trattandosi ta' imputazzjoni ta' kommissjoni ta' reat (li jgorr piena ta' prigunerija) fil-periodu operattiv ta' sentenza sospiza, fin-nuqqas ta' prova tal-identita` (jew anke kieku ma saritx il-prova tas-sentenza sospiza, per ezempju, ghax ma ingabitx kopja legali ta' dik is-sentenza) Qorti ta' Gustizzja Kriminali ghandha mhux tillibera izda semplicement tastjeni milli tiehu konjizzjoni aktar ta' dik l-imputazzjoni, bhalma jsir fil-kaz ta' imputazzjonijiet jew akkuzi alternattivi[3]. B'hekk jithalla l-kamp liberu ghall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 28D tal-Kodici Kriminali.

3. L-Artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni, invokat mill-appellant, ma hu ta' ebda relevanza ghal dan il-kaz. Din id-disposizzjoni titkellem dwar meta persuna tigi misjuba hatja jew liberata minn akkuza jew imputazzjoni ta' reat. L-imputazzjoni li wiehed ikun ikkommetta reat (li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija) fil-periodu operattiv ta' sentenza sospiza ma hix imputazzjoni ta' reat; hija semplicement imputazzjoni ta' fatt li, jekk dak il-fatt jigi ppruvat, jammonta ghall-ksur ta' kundizzjoni imposta mill-qorti (u, indirettament, mill-ligi stess) sabiex wiehed ma jmurx minnufih jiskonta piena ta' prigunerija li ghaliha jkun gie kkundannat.

4. Dak li hu relevanti – u li l-ewwel qorti, li tat is-sentenza tal-4 ta' Gunju, 2002, ma interpretatx korretement – huwa l-Artikolu 527 tal-Kodici Kriminali. Kif inhu risaput, ir-regola tan-*ne bis in idem* kif espressa f'dana l-artikolu hija aktar wiesgha minn kif formulata fl-Artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni. Filwaqt li l-Artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni jitkellem dwar "reat kriminali" u japplika d-dottrina tan-*ne bis in idem* ghal dak ir-"reat kriminali" partikolari li tieghu dak li jkun ikun gie misjub hati jew illiberat u ghal "reati kriminali" ohra komprizi u involuti f'dak ir-reat kriminali partikolari[4], l-Artikolu 527 jitkellem dwar "l-istess fatt". L-Artikolu 527, infatti, jghid hekk: *"Wara*

[2] Tad-29 ta' Mejju, 2001 u tat-30 ta' Mejju, 2001.
[3] ***Il-Pulizija v. Carmelo Ciantar*** App. Krim., 18 ta' Settembru, 1996; ***Il-Pulizija v. Carmel Debono*** App. Krim., 1 ta' Novembru, 1996.
[4] "…jew ghal xi reat kriminali iehor li ghalih setghet tigi misjuba hatja fil-proceduri ghal dak ir-reat…".

*sentenza li f'kawza tillibera imputat jew akkuzat, dan ma jistax ghall-istess fatt ikun suggett ghal kawza ohra"* (sottolinear ta' din il-Qorti). Hu appena necessarju li jigi osservat li ghalkemm din id-disposizzjoni titkellem dwar il-liberazzjoni ta' dak li jkun, u mhux ukoll dwar il-kundanna tieghu, il-qrati taghna dejjem interpretawha bhala li tinkludi wkoll il-kaz fejn persuna tkun giet misjuba hatja ta' l-istess fatt (ara ***Il-Pulizija v. Anthony Vella et.*** App. Krim., 19 ta' Frar, 1999; ***Il-Pulizija v. Adrian Cassar Galea*** App. Krim., 20 ta' Novembru, 2000).

5. Fil-kaz in dizamina, dak li sehh jinkwadra perfettament fl-Artikolu 527 imsemmi. Fit-30 ta' Mejju, 2001 Tarek gie imputat b'fatt partikolari u specifiku, u cioe` li, permezz tal-kommissjoni minnu ta' zewg reati (pussess tar-raza tal-*cannabis* u attakk u resistenza) fit-28 ta' Mejju, 2001 u fil-granet ta' qabel din id-data, huwa kien kiser il-kundizzjoni tas-sospensjoni tas-sentenza ta' prigunerija fuqu inflitta fil-5 ta' April, 2000. Minn din l-imputazzjoni – li, kif inghad, ma hix imputazzjoni ta' reat izda imputazzjoni ta' fatt li, jekk tirrisulta pruvata, jkollha certi konsegwenzi – Tarek gie lliberat (bis-sentenza tal-21 ta' Gunju, 2001). Ghalhekk Tarek ma setax ghal dak l-istess fatt jigi assoggettat "ghal kawza ohra", cioe` ghall-kawza promossa mill-Kummissarju tal-Pulizija bir-rikors tieghu tal-20 ta' Awissu, 2001 u li ntemmet bis-sentenza appellata. S'intendi, li kieku kellu jirrisulta pruvat li huwa kkommetta xi reat jew reati ohra (li ghalihom hemm piena ta' prigunerija) jew l-istess tip ta' reati izda f'xi zmien iehor (cioe` f'periodu differenti mit-28 ta' Mejju, 2001 u l-granet ta' qabel) pero` dejjem fil-periodu operattiv ta' tlett snin tas-sentenza sospiza tal-5 ta' April, 2000, huwa jibqa' passibbli ghall-proceduri sabiex tigi attivata dik is-sentenza sospiza.

Ghall-motivi premessi, tilqa' l-appell, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, cioe` dik ta' l-4 ta' Gunju, 2002, u konsegwentement tiddikjara li ghadha ma gietx attivata s-sentenza ta' tmintax-il xahar prigunerija imposta bis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-5 ta' April, 2000.

Ghall-kull buon fini din il-Qorti tigbed l-attenzjoni tal-Awtoritajiet tal-Habs u tal-Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni ghall-ordni ta' tnehhija minn dawn il-Gzejjer ta' l-appellant ordnata bis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-21 ta' Gunju, 2001.